



Dokument ta' sessjoni

**B8-0460/2018 }
B8-0461/2018 }
B8-0463/2018 }
B8-0465/2018 }
B8-0464/2018 }
B8-0468/2018 } RC1**

3.10.2018

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI KONĠUNTA

imressqa skont l-Artikoli 135(5) u 123(4) tar-Regoli ta' Proċedura

li tissostitwixxi l-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni li ġejjin:

B8-0460/2018 (Verts/ALE)

B8-0461/2018 (ECR)

B8-0463/2018 (EFDD)

B8-0465/2018 (ALDE)

B8-0464/2018 (S&D)

B8-0468/2018 (PPE)

dwar id-detenzjoni arbitrarja tal-massa tal-Ujguri u l-Kazaki fir-Reġjun
Awtonomu Ujgur tax-Xinjiang
(2018/2863(RSP))

Cristian Dan Preda, László Tóké, Elmar Brok, Jaromír Štětina, Thomas Mann, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Agnieszka Kozłowska-Rajewicz, Pavel Svoboda, Marijana Petir, Lefteris Christoforou, Csaba Sógor, Željana Zovko, Tomáš Zdechovský, Tunne Kelam, Patricija Šulin, Mairead McGuinness, Adam Szejnfeld, Giovanni La Via, Joachim Zeller, Michaela Šojdrová, Francis Zammit Dimech, Krzysztof Hetman, Sandra Kalniete, Seán Kelly, Deirdre Clune, Laima Liucija Andrikiienė, Dubravka Šuica, Ivana Maletić, Romana Tomc, Geoffroy Didier, Ramona Nicole Mănescu, Inese Vaidere

RC\1164693MT.docx

PE624.138v01-00 }
PE624.139v01-00 }
PE624.141v01-00 }
PE624.143v01-00 }
PE624.142v01-00 }
PE624.146v01-00 } RC1

f'isem il-Grupp PPE

Elena Valenciano, Victor Boștinaru, Soraya Post, Jo Leinen

f'isem il-Grupp S&D

Pirkko Ruohonen-Lerner, Raffaele Fitto, Charles Tannock, Monica

Macovei, Ruža Tomašić, Bas Belder

f'isem il-Grupp ECR

Ilhan Kyuchyuk, Izaskun Bilbao Barandica, Pavel Telička, Ramon

Tremosa i Balcells, Petras Auštrevičius, Beatriz Becerra Basterrechea,

Dita Charanzová, Gérard Deprez, Martina Dlabajová, María Teresa

Giménez Barbat, Nadja Hirsch, Filiz Hyusmenova, Ivan Jakovčić, Petr

Ježek, Patricia Lalonde, Valentinas Mazuronis, Louis Michel, Javier Nart,

Urmas Paet, Maite Pagazaurtundúa Ruiz, Carolina Punset, Jozo Radoš,

Frédérique Ries, Robert Rochefort, Marietje Schaake, Jasenko Selimovic,

Ivo Vajgl, Johannes Cornelis van Baalen, Cecilia Wikström

f'isem il-Grupp ALDE

Reinhard Bütikofer, Helga Trüpel, Bodil Valero, Jordi Solé

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Fabio Massimo Castaldo, Ignazio Corrao, Isabella Adinolfi

f'isem il-Grupp EFDD

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar id-detenzjoni arbitrarja tal-massa tal-Ujguri u l-Każaki fir-Reġjun Awtonomu Ujgur tax-Xinjiang

(2018/2863(RSP))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar is-sitwazzjoni fiċ-Ċina, b'mod partikolari dawk tas-26 ta' Novembru 2009 dwar iċ-Ċina: id-drittijiet tal-minoranza u l-applikazzjoni tal-piena tal-mewt¹, tal-10 ta' Marzu 2011 dwar is-sitwazzjoni u l-wirt kulturali f'Kashgar (ir-Reġjun Awtonomu Xinjiang Uyghur, iċ-Ċina)², tas-6 ta' Lulju 2017 dwar il-każijiet tar-rebbieħ tal-Premju Nobel Liu Xiaobo u Lee Ming-che³, tal-15 ta' Diċembru 2016 dwar il-każijiet tal-Akkademja Buddista Tibetana ta' Larung Gar u Ilham Tohti⁴, u tat-12 ta' Settembru 2018 dwar il-qagħda tar-relazzjonijiet UE-Ċina⁵,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, li jggarantixxi liċ-ċittadini kollha d-dritt għal-libertà tat-twemmin reliġjuż, u l-Artikolu 4 tagħha, li jiddefendi d-drittijiet tan-"nazzjonalitajiet f'minoranza",
- wara li kkunsidra s-Sħubija Strateġika bejn l-UE u ċ-Ċina, li tnediet fl-2003, u l-komunikazzjoni konġunta tat-22 ta' Ġunju 2016 tal-Kummissjoni Ewropea u s-SEAE lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, bit-titolu "Elementi għal strateġija ġdida tal-UE dwar iċ-Ċina" (JOIN(2016)0030),
- wara li kkunsidra s-36 sessjoni tad-djalogu UE-Ċina dwar id-drittijiet tal-bniedem li saret f'Beijing fid-9 u l-10 ta' Lulju 2018,
- wara li kkunsidra r-rimarki fl-indirizz magħmul minn Michelle Bachelet, il-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem, għad-39 sessjoni tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU fl-10 ta' Settembru 2018, li fih esprimiet tħassib serju dwar il-"kampijiet ta' edukazzjoni mill-ġdid" u talbet lill-gvern Ċiniż biex jaċċetta investigaturi indipendenti,
- wara li kkunsidra l-ittra ta' allegazzjoni ġenerali li ntbagħtet f'Mejju 2018 mill-Grupp ta' Ħidma tan-NU dwar l-Għajbien Furzat jew Involontarju (WGEID) lill-Gvern Ċiniż, fejn intwera t-tħassib dwar id-deterjorament kontinwu tas-sitwazzjoni u tal-għadd dejjem jikber ta' Ujguri li qed jinżammu arrestati b'mod arbitrarju,
- wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi tas-16 ta' Diċembru 1966,

¹ ĠU C 285E, 21.10.2010, p. 80.

² ĠU C 199E, 7.7.2012, p. 185.

³ ĠU C 334, 19.9.2018, p. 137.

⁴ ĠU C 238, 6.7.2018, p. 108.

⁵ Testi adottati, P8_TA(2018)0343.

- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1948,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 135(5) u 123(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-promozzjoni u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, tad-demokrazija u tal-istat tad-dritt għandhom jibqgħu fil-qalba tar-relazzjoni li ilha għaddejja bejn l-UE u ċ-Ċina, b'konformità mal-impenn tal-UE li tiddefendi dawn l-istess valuri fl-azzjoni esterna tagħha u mal-interess li wriet iċ-Ċina li tosservahom fl-iżvilupp u l-kooperazzjoni internazzjonali tagħha;
 - B. billi minn meta l-President Xi Jinping tela' fil-poter, is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fiċ-Ċina kompliet tmur għall-agħar, bil-gvern iħarrax l-ostilità tiegħu fil-konfront tal-kontestazzjoni paċifika, il-libertà tal-espressjoni u tar-reliġjon, u l-istat tad-dritt;
 - C. billi s-sitwazzjoni fix-Xinjiang, fejn jgħixu madwar 11-il miljun Ujgur u Każak etniku, iddeterjorat b'mod rapidu f'dawn l-aħħar snin, hekk kif il-kontroll assolut tax-Xinjiang akkwista prijorità għolja, filwaqt li qed jinħolqu sfidi ulterjuri mill-attakki terroristiċi perjodiċi fix-Xinjiang jew allegatament konnessi max-Xinjiang min-naħa tal-Ujguri;
 - D. billi l-Kumitat tan-NU dwar l-Eliminazzjoni tad-Diskriminazzjoni Razzjali kkwota estimi li "minn għexieren ta' eluf għal miljun Ujgur" x'aktarx jinstabu miżmuma fir-reġjun awtonomu Ujgur tax-Xinjiang (XUAR), mingħajr ma qed jiġu mixlija jew ipproċessati, bl-iskuża tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-estremiżmu reliġjuż; billi dan jirrappreżenta t-tfiġh-il ħabs tal-akbar massa ta' popolazzjoni ta' minoranza etnika fid-dinja illum;
 - E. billi l-Kummissjoni Eżekuttiva tal-Kungress tal-Istati Uniti dwar iċ-Ċina ddikjarat li hemm informazzjoni valida li l-Ujguri, il-Każaki u minoritajiet etniċi primarjament Musulmani oħrajn fix-XUAR kienu soġġetti għal arrest arbitrarju, tortura, restrizzjonijiet flagranti fuq il-prattika u l-kultura reliġjuża, u sistema ta' sorveljanza diġitalizzata tant mifruxa li kull aspett tal-ħajja ta' kuljum hu sorveljat permezz ta' kameras ta' rikonossiment tal-wiċċ, skens tat-telefon ċellulari, għbir tad-DNA, u preżenza wiesgħa u invażiva tal-pulizija;
 - F. billi ġie rappurtat li d-detenuati qed jinżammu f'kundizzjonijiet ħżiena, soġġetti għal indottrinazzjoni politika, inklużi korsijiet obbligatorji fil-patrijottiżmu, u huma mgeġġlin jiddenunzjaw l-identità etnika jew reliġjuża tagħhom; billi hemm rapporti reċenti ta' mwiet f'kustodja, inkluż ta' suwiċidji;
 - G. billi kien hemm rapporti li eluf ta' tfal ġew mifruda mill-ġenituri tagħhom, li qed jinżammu b'mod arbitrarju fil-kampijiet ta' internament, u li dawn qed jinżammu f'orfanatrofji ffullati, anki jekk ġenitur wieħed biss qed jinżamm f'kamp ta' detenzjoni;
 - H. billi fis-smiġh tan-NU f'Ġinevra fit-13 ta' Awwissu 2018, id-delegazzjoni Ċiniża ċaħdet l-akkużi li saru minn esperti tan-NU dwar Musulmani etniċi Ujguri miżmuma f'kampijiet ta' "riedukazzjoni" fir-reġjun tal-punent tax-Xinjiang; billi teżisti evidenza komprensiva tal-kostruzzjoni u t-tkabbir ta' dawn il-faċilitajiet;

- I. billi xi ġurnalisti barranin saritilhom pressjoni biex joqogħdu lura milli jirrapportaw dwar kwistjonijiet sensittivi bħad-drittijiet tal-bniedem tal-Ujguri u l-użu ta' kampijiet ta' internament, li f'xi każijiet kien jinkludi r-rifjut li jiġġeddu l-kredenzjali tal-istampa;
 - J. billi ma jeżisti mkien fid-dinja fejn il-popolazzjoni hija sorveljata b'mod strett bħal dik fix-XUAR; billi l-gvern provinċjali rrekluta għexieren ta' eluf ta' persunal addizzjonali tas-sigurtà;
 - K. billi hemm data miġbura minn "pjattaformi integrati ta' operazzjonijiet konġunti" li taħżen ukoll data ulterjuri dwar il-popolazzjoni, inklużi d-drawwiet tal-konsumaturi, l-attività bankarja, l-istat tas-saħħa u l-profil tad-DNA ta' kull abitant fir-reġjun tax-XUAR; billi l-Musulmani fir-reġjun huma obbligati jkollhom applikazzjoni spyware fuq il-mowbajls tagħhom u n-nuqqas ta' installazzjoni tal-applikazzjoni huwa meqjus bħala reat;
 - L. billi xhieda diretta u riċerka akkademika kredibbli indikaw li hemm fil-mira, b'mod intenzjonat, Ujguri li għandhom rabtiet ma' nies barra minn pajjiżhom u dawk bi twemmin reliġjuż;
 - M. billi l-Ujguri li jgħixu barra l-pajjiż ġew taħt pressjoni biex jerġgħu lura lejn iċ-Ċina, spiss bl-appoġġ tal-Istati ospitanti; billi l-ambaxxati Ċiniżi barra l-pajjiż irrifjutaw li jġeddu haġna passaporti ta' ċittadini Ujguri, u dan iwassal għal insikurezza f'termini ta' xogħol u ta' studju,
 - N. billi l-Gvern Ċinizz ċaħad kategorikament it-talbiet tal-WGEID u tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem, kif ukoll ta' mandati oħra tal-Proċeduri Speċjali tan-NU, biex jintbagħtu investigaturi indipendenti fix-Xinjiang;
 - O. billi l-professur tal-ekonomija Ujgur Ilham Tohti ġie kkundannat għal għomru l-ħabs fit-23 ta' Settembru 2014 fuq akkuża ta' allegat separatiżmu wara li ġie arrestat f'Jannar tal-istess sena; billi sebgħa mill-istudenti preċedenti tiegħu wkoll ġew arrestati u ngħataw sentenzi ta' ħabs ta' bejn tliet snin u tmien snin talli allegatament ikkollaboraw mas-Sur Tohti; billi Ilham Tohti dejjem ċaħad is-separatiżmu u l-vjolenza u fittex ir-rikonċiljazzjoni bbażata fuq ir-rispett tal-kultura Ujgura;
1. Jinsab ferm imħasseb dwar ir-reġim dejjem aktar oppressiv impost fuq minoranzi differenti, partikolarment Ujguri u Każaki, b'restrizzjonijiet addizzjonali fuq il-garanziji kostituzzjonali tad-drittijiet tagħhom għal-libertà tal-espressjoni kulturali u tat-twemmin reliġjuż, tal-kelma u tal-espressjoni, kif ukoll tal-assemblea u ta' assoċjazzjoni paċifika; jesiġi li l-awtoritajiet jirrispettaw dawn il-libertajiet fundamentali;
 2. Jistieden lill-Gvern Ċinizz itemm immedjatament il-prattika tal-arresti arbitrarji tal-membri tal-minoranzi Ujguri u Każaki, jagħlaq il-kampijiet u ċ-ċentri ta' detenzjoni kollha u jeħles il-persuni arrestati immedjatament u mingħajr kundizzjonijiet; jinsab ferm imħasseb dwar l-allegazzjonijiet numerużi ta' kundizzjonijiet ħżiena, tortura u mwiet fil-kampijiet; ifakkar lill-awtoritajiet Ċiniżi li l-faċilitajiet ta' riedukazzjoni ma għandhom l-ebda bażi legali;

3. Jinsab allarmat bir-rapport tal-mewt ta' Muhammad Salih Ħajm, Abdulnehed Mehsum, Ayhan Memet u oħrajn, il-koll anzjani Ujguri, akkademiċi u mexxejja tal-komunità, fil-kampijiet ta' internament;
4. Jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar l-implimentazzjoni ta' miżuri li jiżguraw "is-superviżjoni komprensiva" tar-reġjun min-naħa tal-Istat permezz tal-installazzjoni tas-sistema ta' sorveljanza elettronika Ċiniża "Skynet" fiż-żoni urbani ewlenin, l-installazzjoni ta' trackers tal-GPS fil-vetturi kollha, l-użu ta' scanners ta' rikonoxximent tal-wiċċ fil-punti ta' kontroll u fl-istazzjonijiet tal-ferrovija u fil-pompi tal-petrol, u l-isforz ta' ġbir tad-demmi mill-pulizija tax-Xinjiang biex tkompli tiġi estiża l-bażi ta' data tad-DNA taċ-Ċina;
5. Jenfasizza li l-kontroll tal-gvern u l-ġbir massiċċ obbligatorju tad-data taċ-ċittadini jaffettwaw u għandhom fil-mira primarja tagħhom lill-Ujguri, lill-Każaki u lil minoranzi etniċi oħrajn, bi ksur tal-projbizzjoni kontra d-diskriminazzjoni skont id-dritt internazzjonali;
6. Ihegġegħ ukoll lill-gvern Ċiniż jagħti d-dettalji kollha ta' dawk li sparixxew b'mod furzat fix-Xinjiang lill-familji kkonċernati, inklużi l-ismijiet, il-post fejn jinsabu u l-qagħda attwali tagħhom;
7. Jinsab ferm imħasseb dwar il-Liġi Kontra t-Terroriżmu (2015) u r-Regolament dwar id-Deestremifikazzjoni adottati miċ-Ċina, li għandhom definizzjoni ferm wiesgħa ta' x'jikkostitwixxi att terroristiku; jistieden liċ-Ċina, għalhekk, tagħmel differenza ċara bejn il-kontestazzjoni paċifika u l-estremiżmu vjolenti;
8. Itenni t-talba tiegħu lill-Gvern Ċiniż biex minnufih u mingħajr l-ebda kundizzjoni jeħles lill-istudjuż Ujgur Ilham Tohti u lill-persuni l-oħra arrestati sempliċement minħabba l-eżerċizzju paċifiku tal-libertà tal-espressjoni tagħhom u, sakemm jinħelsu, jappella liċ-Ċina tiżgura li jkollhom aċċess regolari u mingħajr restrizzjonijiet għall-familji tagħhom u għall-avukati li jagħżlu huma; barra minn hekk, jitlob il-ħelsien ta' Eli Mamut, Haiate Niyazi, Memetjan Abdulla, Abduhelil Zunun u Abdukerim Abduweli, kif mitlub mill-UE matul is-36 sessjoni tad-djalogu bejn l-UE u ċ-Ċina dwar id-Drittijiet tal-Bniedem li saret f'Beijing bejn id-9 u l-10 ta' Lulju 2018;
9. Ihegġegħ lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (VP/RGħ), lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) u lill-Istati Membri jissorveljaw mill-qrib it-tibdil fl-iżviluppi tad-drittijiet tal-bniedem fix-Xinjiang, inkluża l-oppresjoni dejjem akbar tal-gvern fuq l-Ujguri, il-Każaki u minoranzi etniċi oħra, u jibagħtu messaġġ b'saħħtu lill-ogħla livell tal-Gvern Ċiniż biex jintemm il-ksur grottesk tad-drittijiet tal-bniedem;
10. Jistieden lill-awtoritajiet Ċiniżi jippermettu aċċess liberu u bla xkiel għall-ġurnalisti u l-osservaturi internazzjonali fil-provinċja ta' Xinjiang;
11. Ifakkar fl-importanza li l-UE u l-Istati Membri tagħha jqajmu l-kwistjoni tal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem fix-Xinjiang mal-awtoritajiet Ċiniżi, inkluż fil-livell ta' tmexxija, f'konformità mal-impenn tal-UE li tipproġetta leħen b'saħħtu, ċar u unifikat fl-approċċ

tagħha lejn il-pajjiż, inkluż id-Djalogu dwar id-Drittijiet tal-Bniedem annwali u s-Summit Ewro-Asjatiku li jmiss;

12. Jesprimi t-tħassib serju tiegħu rigward ir-rapporti ta' fastidju fil-konfront tal-Ujguri barra l-pajjiż mill-awtoritajiet Ċiniżi bil-għan li jghegluhom jaġixxu bħala informaturi kontra Ujguri oħra, jirritornaw lejn ix-Xinjiang jew jibqgħu siekta dwar is-sitwazzjoni hemmhekk, xi drabi bl-arrest tal-membri tal-familja tagħhom;
13. Jilqa' d-deċiżjoni tal-Ġermanja u tal-Iżvezja li jissospendu r-ritorn tal-Ujguri, il-Kazaki etniċi jew ta' Musulmani oħra ta' oriġini Torka lejn iċ-Ċina b'kunsiderazzjoni tar-riskji tal-arrest arbitrarju, tat-tortura jew ta' maltrattament ieħor li jiffaċċjaw fil-pajjiż, u jsejjaħ lill-Istati Membri l-oħra kollha jagħmlu l-istess u jħaffu t-talbiet għall-asil minn Musulmani ta' oriġini Torka li jinsabu f'riskju li jiġu rritornati bil-forza lejn iċ-Ċina; jitlob ukoll lill-Istati Membri tal-UE jinvokaw il-liġi domestika, kif xieraq, biex jinvestigaw l-intimidazzjoni tal-gvern Ċinizz ta' komunitajiet ta' dijaspora Musulmani ta' oriġini Torka fl-Ewropa;
14. Ifakkar liċ-Ċina fl-obbligi tagħha fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem wara li ffirmat firxa wiesgħa ta' trattati internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u jfakkar, għalhekk, li iċ-Ċina hija mistennija żżomm mal-impenji msemmija;
15. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, kif ukoll lill-Gvern u lill-Parlament tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.